26 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Elisa sive Alice Cachia et. *versus* Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et. ne.

**Board tal-Kera — Sentenza — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Ispezzjoni tal-Membri Tekniċi— Nullità — Proċedura — Ritrattazzjoni — Kompetenza — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 814(b) tal-Proċedura Ċivili**

*Sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identità ta' dik il-persuna ndikata ħażin hija nulla.*

*Hija nulla wkoll sentenza tal-Board tal-Kera, jekk din id-deċiżjoni tingħata meta l-membri tekniċi jkunu aċċedew fuq il-fond għall-ispezzjoni tiegħu mingħajr ma jkunu avżaw lil xi waħda mill-partijiet biex tintervjeni, jekk trid, f'dak l-aċċess; għax dik l-ispezzjoni tkun nulla minħabba li tkun ivvjolat wieħed mill-prinċipji ta' ġustizzja naturali.*

*Il-proċedura biex tiġi dikjarata din in-nullità mhix dik ta' ritrattazzjoni quddiem il-Board tal-Kera, imma ta' ċitazzjoni quddiem it-tribunali ordinarji; għaliex il-kwistjoni jekk liġi jew sentenza, jew kwalunkwe*

*skrittura oħra vinkolanti, ġieli mogħmula skond il-liġi u maħruġa mill-organame... ... ... ... ... ... ... ... pjjiż teżorbita mill-ġurisdizzjoni ta' tribunali speċjali; u għalhekk, biex jiġi diskuss u deċiż jekk sentenza tal-Board tal-Kera ... nulla jew le huma kompetenti t-tribunali ordinarji.*

*Jekk l-iżball kien fl-isem tal-attur rikorrent li talab l-awment tal-kera quddiem il-Board, u l-intimat ma rrilevax dak l-iżball, ma jistgħax dan, f'kawża li dak ir-rikorrent jagħmel biex tiġi dikjarata nulla dik is-sentenza, jippretendi li ma għandux ibati spejjeż għax l-iżball kien ħadu r-rikorrent attur; kif lanqas ma jista' javanza din il-prentensjoni dak li jkun issubentra fil-lokazzjoni għall-inkwilin li fil-konfront tiegħu ġiet mogħtija s-sentenza, jekk huwa jkun oppona t-talba biex jiġi fissat il-kera xieraq mill-ġdid fuq il-motiv li dak il-kera xieraq kien ġa ġie fissat b'sentenza, u hekk il-kawża biex dik is-sentenza tiġi dikjarata nulla jkun, wieħed jista' jgħid, ipprovokaha huwa stess.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi b'sentenza mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera fis-27 ta' Frar 1946, fil-kawża fl-ismijiet "Reverendu Monsinjur Antonio Mallia vs. Giuseppe Cordina", kien ġie fissat il-kera xieraq tal-fond nru. 44, il-lum 64, Buġibba Road, San Pawl il-Baħar, għal £14 fis-sena (dok. A); u illi s-sentenza fuq imsemmija saret fil-konfront ta' persuna ineżistenti, u proprjament f'isem il-Monsinjur Antonio Mallia, li messu kien Monsinjur Paolo Mallia, u għalhekk hija nulla u bla ebda effett, għaliex ir-rikorrent ta' allura ma kienx parti f'dik il-kawża; u illi, meta l-periti tekniċi tal-Board eżaminaw l-imsemmi fond għall-fini talfissazzjoni tal-kera, naqsu, u fil-fatt lanqas setgħu javżaw lill-awtur tal-attriċi, li kien il-proprjetarju, u għalhekk l-ispezzjoni tal-fond saret fl-assenza u ad insaputa tas-sid, u illi b'dan il-mod ġie vjolat prinċipju ta' ġustizzja naturali, u għalhekk l-imsemmija ispezzjoni u l-konsegwenti fissazzjoni tal-kera huma ineffikaċi għall-finijiet u effetti kollha; jitolbu illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż li s-sentenza

tal-Board tal-Kera fuq imsemmija hija nulla u bla ebda effett. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jirriżulta mid-dibattitu orali u anki mill-provi, l-attriċi hi n-neputija u eredi ta' Monsinjur Paolo Mallia, li miet fis-6 ta' Frar 1946, u wara l-mewt tiegħu wirtet mill-ġid imħolli minnu l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Dan il-fond, Monsinjur Mallia kien krieħ lill-assenti Giuseppe Cordina, rappreżentat f'dan il-ġudizzju mill-konvenuti kuraturi; u fis-sena 1945 kien irrikorra quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jottjeni awment ta' dak il-kera, jew biex jiġi fissat il-kera xieraq ta' dak il-fond; u b'deċiżjoni tas-27 ta' Frar 1946 l-imsemmi Board stabbilixxa li dak il-kera kellu jkun £14 fis-sena. Kif jidher, ġara li bi żball, jew għal xi raġuni oħra, l-isem tar-rikorrent Monsinjur Mallia fil-proċeduri kollha quddiem l-istess Board, mir-rikors oriġinali sas-sentenza, ġie mniżżel bħala "Antonio" minflok "Paolo" kif verament kellu jkun. Żmien wara dik is-sentenza, Giuseppe Cordina kien ħareġ mill-fond, u minn xi żmien l-hawn jinsab b'lokazzjoni għand il-konvenuta Mary Caruana bl-istess kera ta' £14 fis-sena. L-attriċi ppruvat tawmenta dak il-kera, imma l-konvenuta opponiet ruħha għal dak l-awment mitlub mill-attriċi, in vista tad-deċiżjoni tal-Board tal-Kera ġa msemmija; imma, billi l-atturi jippretendu li dik id-deċiżjoni hi nulla, huma ġew b'din il-kawża, li biha qegħdin appuntu jitolbu d-dikjarazzjoni tan-nullità pretiża minnhom, u dan in konfront tal-assenti Giuseppe Cordina, bħala li kien parti f'dik il-kawża, u fil-konfront ta' Mary Caruana, bħala li ssostni l-validità ta' dik id-deċiżjoni, u kwindi bħala nteressata fl-eżitu ta' din il-kawża;

Illi l-atturi jibbażaw it-talba tagħhom fuq żewġ kawżali; waħda, li s-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera saret fil-konfront ta' persuna ineżistenti, u pro-

prjament f'isem il-Monsinjur Antonio Mallia, li messu kien *Monsinjur Paolo Mallia, u għalhekk hi nulla u bla effett*, għaliex ir-rikorrent ta' allura ma kienx parti f'dik il-kawża; u l-oħra, li meta l-periti teknići tal-Board eżaminaw l-imsemmi fond għall-fini tal-fissazzjoni tal-kera, naqsu, u fil-fatt ma setgħux javżaw lill-awtur tal-attriċi, li kien il-proprjetarju, u għalhekk l-ispezzjoni tal-fond saret fl-assenza u ad insaputa tas-sid, u hekk ġie vjolat prinċipju ta' ġustizzja naturali, li jġib miegħu l-ineffikaċja, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, tant tal-imsemmija ispezzjoni kemm tal-konsegwenti fissazzjoni tal-kera;

Ikkunsidrat, rigward l-ewwel kawżali;

Illi mhux kontestat li Monsinjur Mallia, li kien waħda mill-partijiet fl-imsemmija kawża quddiem il-Board tal-Kera deċiża fis-27 ta' Frar 1946, kien jismu Paolo; lanqas ma hu kontestat li f'dik il-kawża, mill-bidu sad-definizzjoni tagħha, dak l-isem ta' Monsinjur Mallia nġieb bħala Antonio. Għalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawża l-isem ta' waħda mill-partijiet kien żbaljat; u s-sentenza li fiha *l-indikazzjoni* tal-isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identità ta' dik il-persuna ndikata ħażin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200). Għalhekk it-talba tal-atturi fuq din il-kawżali hi ġustifikata;

Ikkunsidrat, rigward it-tien kawżali;

Illi l-atturi jippretendu li Monsinjur Mallia ma kienx ġie avżat mill-membri teknići tal-Board bil-ġurnata u l-ħin *meta kellha ssir l-ispezzjoni tal-fond għall-fini tad-determi*nazzjoni tal-kera tiegħu, u kwindi ma kienx preżenti f'dik l-ispezzjoni, anzi din saret ad insaputa tiegħu. Il-konvenuti kuraturi, fuq ix-xhieda ta' Jane Cordina, li qalet li l-attriċi f'dik l-ispezzjoni kienet preżenti, jissottomettu li, ladarba din kienet preżenti, bilfors li Monsinjur Mallia ġie avżat b'dik l-ispezzjoni, u billi hu kien marid fis-sodod u ma setgħax jattendi personalment, kien bagħat minfloku, bħala rappreżentanti tiegħu, lill-attriċi, neputija tiegħu, li kienet

toqgħod miegħu u tiegħu ħsieb tal-affarijiet tiegħu. L-attriċi tinnega li kienet preżenti fl-okkazjoni tal-imsemmija ispezzjoni, kif tinnega li Monsinjur Mallia kien marid fis-sodod, u tgħid li sa dak inhar li miet Monsinjur Mallia kien ħareġ jippassiġġa fix-xemx, kif kien soltu jagħmel, u li hija qatt ma rċeviet avviż mill-membri tekniċi tal-Board għall-imsemmija ispezzjoni. Hija wkoll tafferma...... Bejn il-versjoni ta' Jane Cordina u dik tal-attriċi tidher li għandha tintgħażel, bħala aktar attendibbli, din tal-aħħar; mhux biss għaliex tinsab korroborata...... Fi kwalunkwe każ, il-konvenuti ma ppruwavx soddisfaċentement li l-imsemmi avviż wasal għand Monsinjur Mallia; u kwindi għandu jiġi ritenut li dik l-ispezzjoni saret ad insaputa tiegħu, u fl-assenza tiegħu jew ta' rappreżentant tiegħu. U jekk il-Board tal-Kera jagħti deċiżjoni meta l-membri tekniċi jkunu aċċedew fuq il-fond għall-ispezzjoni tiegħu mingħajr ma jkunu avżaw lil xi waħda mill-partijiet biex tintervjeni, jekk trid, f'dak l-aċċess, dik l-ispezzjoni hi nulla, għaliex tkun ġiet mogħtija bi vjolazzjoni tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali (Vol. XXXVII-514). Għalhekk it-talba tal-atturi hi ġustifikata anki fuq din il-kawżali;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dibattitu orali l-konvenuti kuraturi ssottomettew li l-azzjoni tal-atturi kien messha tkun, mhux kif minnhom proposta, imma dik ta' ritrattazzjoni tal-imsemmija kawża quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, fit-termini tal-art. 814(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Però, din is-sottomissjoni mhix sostenibbli. Apparti li f'din il-kawża ma kien hemm ebda raġuni biex l-istess kawża tiġi ritrattata, lanqas ir-raġunijiet indikati mill-imsemmijin konvenuti, jinsab stabbilit li l-kwistjoni jekk liġi jew sentenza, jew kwalunkwe skrittura oħra vinkolanti, ġietx magħmula skond il-liġi u maħruġa mill-organamenti kostitwiti skond il-liġi tal-pajjiż, teżorbita mill-ġurisdizzjoni ta' Board speċjali, avvolja tkun ġiet mogħtija minn dak il-Board; u għalhekk, biex jiġi diskuss u deċiż jekk sentenza mogħtija mill-Board

tal-Kera hijiex nulla jew le għar-raġunijiet fuq imsemmija, huma kompetenti t-tribunali ordinarji (Vol. XXXIII-I-49),

Ikkunsidrat, rigward l-ispejjeż;

Illi l-konvenuti kuraturi jissottomettu illi l-iżball fl-indikazzjoni tal-isem ta' Monsinjur Mallia ttieħed minnu stess, u kwindi hu huwa, u l-lum l-atturi, li għandhom ibatu l-konsegwenza ta' dak l-iżball. Imma, jekk dan hu veru, hu veru wkoll li kien dmir Giuseppe Cordina li jieħu ħsieb jitlob il-korrezzjoni ta' dak l-iżball sad-definizzjoni tal-kawża quddiem il-Board tal-Kera; u ladarba naqas minn dak l-obligu, huwa ma jistgħax jipprevalixxi ruħu mill-iżball ta' ħadd ieħor;

Il-konvenuta Caruana wkoll tissottometti li ma għandhiex tbati spejjeż; għar-raġuni, fost oħrajn, li hija ma kienetx parti fil-kawża li ġiet deċiża mill-Board tal-Kera. Imma lanqas din is-sottomissjoni ma tista' tiġi milqugħa; għaliex kienet anzi l-konvenuta li, wieħed jista' jgħid, ipprovokat din il-kawża bl-atteġġjament tagħha oppożitorju għat-talba tal-atturi biex jiġi mill-ġdid fissat il-kera xieraq tal-fond il-lum detenut minnha; u għalkemm fl-eċċezzjonijiet irrimettiet ruħha għall-provi, fid-dikjarazzjoni annessa ma' dawk l-eċċezzjonijiet hija sostniet il-validità tad-deċiżjoni msemmija, mogħtija mill-Board li Jirregola l-Kera;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi adeżivament għat-talba tal-atturi. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut Giuseppe Cordina, kif rappreżentat mill-kuraturi, barra minn dawk tal-konvenuta Mary Caruana, li jibqgħu għak-kariku tagħha.